A.L. 37 ta' l-2007

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*

(KAP. 123)

Regoli ta' l-2007 li jemendaw ir-Regoli dwar Qligħ Kapitali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5 u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2007 li jemendaw ir-Regoli dwar Qligħ Kapitali u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-1993 dwar Qligħ Kapitali, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regoli msejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 102 ta' l-1993.

Temenda r-regola 5 tar-regoli prinċipali.

2. Fis-subregola (14) tar-regola 5 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "5(9), u 12(1)(ċ)(ii) ta' l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "5(9), 5(14), u 12(1)(ċ)(ii) ta' l-Att".

Temenda l-Iskeda A li tinsab mar-regoli prinċipali.

3. Fl-Iskeda A li tinsab mar-regoli prinċipali, il-klawsola 5 għandha titħassar u minflokha jidħol dan li ġej:

"5. Ma' dan l-Avviż għandu jkun hemm rapport iffirmat minn awditur u dan ir-rapport jifforma parti integrali mill-avviż u jagħti assigurazzjoni dwar (a) li l-prezz tax-xiri tal-proprjetà jaqbel ma' dak imsemmi fil-kuntratt ta' l-akkwist, u (b) dwar jekk il-valuri li jirrapreżentaw l-imsemmi prezz tax-xiri u l-benefikati relattivi ġewx meħuda kif suppost mill-kotba u d-dokumenti tal-kumpannija, u (ċ) li l-valuri msemmija jirrapreżentaw il-kost storiku tal-proprjetà.".

Temenda l-Iskeda Ċ li tinsab mar-regoli prinċipali.

4. L-Iskeda Ċ li tinsab mar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-Taqsima 4 għandha titħassar u t-Taqsimiet 5 u 6 għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala t-Taqsima 4 u t-Taqsima 5 rispettivament; u

(b) il-kaxxa li hemm fl-aħħar ta' l-Iskeda għandha titħassar u għandha tiżdied it-Taqsima 6 ġdida kif ġej:

"**Taqsima 6 - Dikjarazzjoni**

Jiena b'dan niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-formola hija vera u sħiħa:

Min qed jittrasferixxi: ..... (firma) ..... (isem)

Ma' dan l-Avviż għandu jkun hemm rapport iffirmat minn awditur u dan ir-rapport jifforma parti integrali mill-avviż u għandu jagħti assigurazzjoni dwar (a) il-fatt li t-trasferiment huwa trasferiment ta' interess fil-kontroll (inkluża l-bażi li fuqha qed issir din id-dikjarazzjoni), u (b) jekk il-komputazzjoni tal-valur fis-suq ta' l-azzjonijiet li qed jiġu trasferiti ġietx magħmula kif suppost skond id-disposizzjonijiet tar-Regoli dwar Qligħ Kapitali.".

Temenda l-Iskeda D li tinsab mar-regoli prinċipali.

5. Fl-Iskeda D li tinsab mar-regoli prinċipali, il-kaxxa li hemm fl-aħħar ta' l-Iskeda għandha titħassar u għandha tiżdied it-Taqsima 4 ġdida kif ġej:

"**Taqsima 4 - Dikjarazzjoni**

Jiena b'dan niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-formola hija vera u sħiħa:

Min qed jittrasferixxi: ..... (firma) ..... (isem)

Ma' dan l-Avviż għandu jkun hemm rapport iffirmat minn awditur u dan ir-rapport jifforma parti integrali mill-avviż u għandu jagħti assigurazzjoni dwar il-fatt li t-trasferiment m'huwiex trasferiment ta' interess fil-kontroll. Mar-rapport għandu jkun hemm valutazzjoni mill-awditur fejn jafferma li l-valur ta' l-imsemmija azzjonijiet huwa korrett kif meħtieġ mid-disposizzjonijiet tar-regola 5(10) tar-Regoli dwar Qligħ Kapitali.".

Temenda L-Iskeda E li tinsab mar-regoli prinċipali.

6. L-Iskeda E li tinsab mar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-Taqsimiet 2 u 3 li hemm bħalissa għandhom jiġu numerati mill-ġdid bħala t-Taqsima 3 u t-Taqsima 4 rispettivament, u għandha tiżdied it-Taqsima 2 ġdida kif ġej:

"**Taqsima 2 - Dettalji dwar il-kumpannija li l-azzjonijiet tagħha qed jiġu trasferiti**

Isem tal-kumpannija	
Numru ta' referenza tat-taxxa	
Data ta' l-għeluq tal-kontijiet	
Data ta' reġistrazzjoni	
Numru tal-ROC	

Kapital azzjonarju awtorizzat	
Kapital azzjonarju maħruġ	";

(b) it-Taqsima 4, kif numerata mill-ġdid, għandha titħassar u minflokha jidħol dan li ġej:

"**Taqsima 4 - Dettalji dwar l-eżenzjoni**

Niżżel liema minn dawn id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* teżenta t-trasferiment ta' l-azzjonijiet:

Artikolu 5(2)(e)	
Artikolu 5(6)(e)	
Artikolu 5(9)	
Artikolu 5(14)	
Artikolu 12(1)(ċ)(ii)	";

u

(ċ) il-kaxxa li hemm fl-aħħar ta' l-Iskeda għandha titħassar u għandha tiżdied it-Taqsima 5 ġdida kif ġej:

"**Taqsima 5 - Dikjarazzjoni**

Jiena b'dan niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-formola hija vera u sħiħa:

Min qed jittrasferixxi: ..... (firma) ..... (isem)

Ma' dan l-Avviż għandu jkun hemm rapport iffirmat minn awditur u dan ir-rapport jifforma parti integrali mill-avviż u għandu jagħti assigurazzjoni dwar il-fatt li t-trasferiment huwa eżenti mit-taxxa taħt waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fir-regola 5(14) tar-Regoli dwar Qligħ Kapitali.".